

**DEĊIŻJONI Nru 3/2014 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U R-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA****tas-16 ta' Diċembru 2014****dwar id-delega ta' ċerti setgħat mill-Kunsill ta' ASSOĊJAZZJONI lill-Kumitat ta' ASSOĊJAZZJONI fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ [2015/673]**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U R-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' ASSOĊJAZZJONI bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra <sup>(1)</sup> ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikoli 436(3) u l-Artikolu 438(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 464 tal-Ftehim, partijiet mill-Ftehim ġew applikati proviżorjament mill-1 ta' Settembru 2014.
- (2) Skont l-Artikolu 434(1) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' ASSOĊJAZZJONI huwa responsabbli għas-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 438(2) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' ASSOĊJAZZJONI jista' jiddelega lill-Kumitat ta' ASSOĊJAZZJONI kull waħda mis-setgħat li għandu, inkluża s-setgħa li jiehju deċiżjonijiet vinkolanti.
- (4) Skont l-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' ASSOĊJAZZJONI għandu jilħaq konfigurazzjoni speċifika biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha relatati mat-Titolu V (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) tal-Ftehim.
- (5) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel u f'waqtha tal-parti tal-Ftehim relatata maż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, il-Kunsill ta' ASSOĊJAZZJONI għandu jiddelega s-setgħa li jaġġorna jew jemenda l-Annessi għall-Ftehim li jirrelataw mal-Kapitoli 1, 3, 5, 6 u 8 tat-Titlu V (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) tal-Ftehim lill-Kumitat ta' ASSOĊJAZZJONI fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif stipulat fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, safejn ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika f'dawk il-Kapitoli relatata mal-aġġornament jew l-emendar ta' dawk l-Annessi.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kunsill ta' ASSOĊJAZZJONI għandu b'dan jiddelega s-setgħa li jaġġorna jew jemenda l-Annessi għall-Ftehim li jirrelataw mal-Kapitoli 1, 3, 5, 6 u 8 tat-Titlu V (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) tal-Ftehim lill-Kumitat ta' ASSOĊJAZZJONI fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif stipulat fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, safejn ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika f'dawk il-Kapitoli relatata mal-aġġornament jew l-emendar ta' dawk l-Annessi.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kunsill ta' ASSOĊJAZZJONI*

*Il-President*

F. MOGHERINI

<sup>(1)</sup> ĠUL 260, 30.8.2014, p. 4.